MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Numru 269/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**JOHANN ZAMMIT ta' 34 sena, iben Mario u Miriam Gerada, imwieled iz-Zejtun nhar is-7 ta' Gunju, 1975, residenti fil-fond Rockbit, Triq France Grech, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 313475M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOHANN ZAMMIT** li gie akkuzat talli:

Fis-17 ta' Ottubru, 2001 ghall-habta ta' l-10.00 ta' fil-ghodu, f'H'Attard, bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompeteneti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Pierre Cutajar minn Haz-Zebbug, kontra l-volonta' tieghu bi ksur ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Pierre Cutajar minn Haz-Zebbug skond kif iccertifika t-Tabib E Scerri MD tac-Centru tas-Sahha ta' Hal-Qormi bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' mazz cwievet ghad-dannu tal-istess Pierre Cutajar minn Haz-Zebbug, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur ta' l-Artikoli 261(a)(c)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkometti serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti mill-van tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni BBF 351, wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur ta' l-Artikoli 41, 261(a)(c)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Pierre Cutajar minn Haz-Zebbug, liema hsara tammona ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50,00) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500,00), bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U finalment talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat Johann Zammit wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat l-Artikoli mibguta mill-Avukat Generali, u cioe':
a. L-Artikoli 86, 87, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. L-Artikoli 261(a)(c)(g) , 262, 267, 271, 274(c)(d), 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. L-Artikoli 41, 261(a)(c)(g), 262, 267, 271, 274(c)(d), 278, 279, u 61 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. U kif ukoll l-Artikoli 325, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi Johann Zammit moqrija l-Artikoli premessi, ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi in ezami tal-atti jirrizulta illi z-zewg xhieda saljenti jirrizultaw minn dak tal-parte leza u dak li jirrizulta mill-istqarrija rilaxxata minn Johann Zammit, fi stadju ta' nvestigazzjoni.

Illi Johann Zammit fl-istqarrija jispjega li hu flimkien ma' Ashley Attard kieku ghaddejin minn x'imkien H'Attard vicin Sant Anton. Jghid illi minn hemm hareg vann minn go side street u kien ser jidhol fihom. Jghid illi Ashley daqqlu l-horn u dan hargilhom subajh tan-nofs u offendiehom. Ghamlilhom il-ponn ukoll. Jghid illi anke hu (huma) offendewh xi naqra. Jghid illi meta daru mat-triq regghu raw il-vann gej ghal fuqhom, anzi go fihom. Jghid li x-xufier waqaf fin-nofs, hareg mill-vann. Jghid illi anke hu nizel minn gol-vettura x'hin rah li kien gej bl-arja ghall-glied. Jghid illi dan ir-ragel beda jiftah idejh u jidghi. Jghid illi kif wasal mieghu mbuttah, b'hekk Zammit waqa' ma' l-art. Jghid illi f'idejn ix-xufier ra kif qam minn ma' l-art, il-

cash register, dan refghu biex jaghti bih lill-ko-imputat. Zammit mar iferraqhom u spicca lix-xufier tah daqqa go rasu b'dan il-cash register. Jghid illi hu qatt ma mar ghand tabib ghax ma kellu xejn gravi.

Innega li huma waqqfu lil dan ix-xufier biex johdulu l-cash register u l-flus, anke li hadulu c-cwievet. Innega anke li kien hu li kissirlu l-cash register. Qal illi kien l-iehor li ghalqilhom it-triq.

Minn naha tieghu Pierre Cutajar, il-parte lesa, xehed illi kien gej minn fejn l-Ambaxxata Amerikana gewwa H'Attard bil-vann tal-haxix, hawn gie biex jikser ghal go triq il-gonna, triq din pjuttost dejqa. Minn din it-triq kien ghaddej hu u kontra tieghu scammel. Minn warajh f'daqqa wahda tfaccat Peugeot 206 griza. Jghid illi tfaccat warajh 'gas down' u ghaddiet bejnu u bejn l-iscammel. Jghid illi qalghuh jidhqu u ghamlulu mossa f'idejhom. Jghid illi hu kiser 'l isfel biex imur ikompli jbiegh il-haxix. Jghid illi rahom weqfin. Jghid illi nizel 'l isfel lejn Sant Anton u li huma marru ghal mieghu, ghalhekk hu gibed lejn San Alwigi; hemm qalghuh.

Xehed illi nizel Johann Zammit minn naha tal-passiggier, fetah il-bieba tal-vann, qabad il-cash register, u ramieha ma' l-art. Jghid illi seraqlu anke c-cwievet.

Dwar id-daqqa li qala' f'widnejh, xehed illi din tahielu l-ko-imputat, illum mejjet, Ashley Attard.

Qal illi meta qalghuh bil-vann hdejn San Alwigi, huma ntefghu quddiem il-vann b'mod illi ma setax isuq. Dwar l-ispejjez jghid illi nefaq cirka Lm100,00 fuq il-cash register u erbghin lira fi cwievet (anzi aktar ghax kellu jaghmel dawn ghal disa' darbiet minhabba n-numru tal-membri tal-familja).

Rega' xehed li Johann Zammit nizel minn naha tal-passiggier, fetah il-bieba tan-naha tal-passiggier tal-vann tieghu, u beda jitfa' kollox ma' l-art, ghalhekk inkluz il-cash register. Xehed ukoll li hadlu c-cwievet.

Dwar il-griehi li sofra xehed Dr Eric Scerri li qal illi Cutajar kellu ugiegh f'rasu, pero f'dak l-istadju li rah iccertifika tali griehi bhala ta' natura hafifa (folio 65).

Francis Fenech, xhud okulari ta' l-incident in dezamina, xehed illi hu u shabu, haddiema mal-Maltacom, waqt ix-xoghol semghu ghajjat u raw vann u karozza fin-nofs. Raw tnejn minn nies, minghalih, rikbin go karozza. L-iehor kellu vann tal-haxix. Rahom jilletikaw ma' xulxin, jaghmlu hafna storbju. Dak biss li rah.

Gie prezentat ukoll rapport (PIRS) ta' l-incident in dezamina (folio 18). Dan ir-rapport juri biss il-verzjoni tal-parte leza in kwantu l-imputati damu biex instabu. Ghalhekk il-parte leza ghamlet rapport illi waqt li kien fil-vettura tieghu gie segwit minn zewg persuni f'vettura Peugeot 206. Dawn rassewh bil-karozza, baqghu jigru warajh, fl-ahhar kellu jwaqqaf minhabba t-traffiku. Dawn nizlu ghalih, serqulu kif imnizzel fir-rapport 'electronic equipment'. Minn din l-aggressjoni, il-kwerelant garrab xi griehi tant li kellu jmur anke l-poliklinika.

Giet anke ppruvata r-recidiva fil-konfront ta' Johann Zammit bix-xhieda ta' l-Ispettur Marco Mallia (folio 96), dan b'referenza ghas-sentenza ezebita a folio 43.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel reat addebitat huwa dak ta' sekwestru bl-aggravanti tieghu. Illi fl-ewwel lok ghalkemm Pierre Cutajar iddepona li huwa safa msakkar bil-karozza hdejn San Alwigi, xehed ukoll illi Zammit nizel mill-vettura minn naha tal-passiggier – ghalhekk jekk gie msakkar gie hekk mill-mejjet Attard. Pero l-fatt illi Cutajar gie msakkar bil-vettura, dejjem skond il-verzjoni tieghu, ma kellu ebda mpediment li jinzel mill-istess vettura – ghalhekk ma jirrizulta ebda reat ta' sekwestru.

Cutajar xehed ukoll illi kien Attard li tah daqqa ta' ponn bil-kagun tal-griehi minnu sofferti – mhux Johann Zammit.

Illi l-akkuzi l-ohra migjuba huma dawk ta’ serq, attentat tieghu.

Tezisti xhieda ferm kontradittorja bejn dak li allega li gara Pierre Cutajar u l-ko-imputat Johann Zammit. Ix-xhud okulari Francis Fenech ikkonferma biss illi bejn tnejn minn nies go vettura u vann tal-haxix kien hemm hafna storbju u ghajjat. Illi jibqa’ l-fatt pero li Pierre Cutajar a tempo vergine fi stadju tar-rapport ta l-istess verzjoni. Saljenti wkoll il-fatt illi suppost Zammit qala’ daqqa ta’ cash register qatt ma gie prezentat tieghu, anke mill-Prosekuzzjoni, kif jigri f’kaz ta’ griehi sofferti, certifikat mediku.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, fil-fatt li gara kien li l-ko-imputati u Cutajar kellhom xi battibekk fuq is-sewqan u darba li Cutajar gie mwaqqaf ghas-sodisfazzjoni, Zammit verament tefa’ barra l-cash register mill-vann ta’ Cutajar, pero mhux bi hsieb ta’ serq (dan ma giex ippruvat), pero certament bil-hsieb li jikkaguna hsara volontarja. Daqstant iehor japplika dan ghac-cwievet li naqsu lil Pierre Cutajar.

Ghaldaqstant, tenut ta’ l-ezami tal-fatti hawn premessi, din il-Qorti qieghda tillibera lil Johann Zammit mill-akkuzi prospettati taht l-Artikoli 86, 87, 221, 261, 262, 267, 271, 274, 278, 279, u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Invece qieghda ssibu hati taht l-Artikoli 325, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali ta’ Johann Zammit, ikkunsidrat ukoll it-tul ta’ zmien illi hadet din il-kawza, hafna drabi minnhom dan imputabbli lil Johann Zammit stess, ikkunsidrat ukoll dak lilha sottomess dwar il-piena mill-partijiet, u qieghda ghalhekk tikkundanna lil Johann Zammit ghal piena karcerarja ta’ seba’(7) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------